



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 136/2020
il-Lussemburgu, 10 ta' Novembru 2020

Sentenza fil-Kawża C-644/18
Il-Kummissjoni vs L-Italja

L-Italja kisret id-dritt tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja ambjentali

Il-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet ta' partiċelli PM₁₀ nqabżu b'mod sistematiku u persistenti bejn 2008 u 2017

Fl-2014, il-Kummissjoni Ewropea bdiet proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika Taljana minħabba l-qbiż sistematiku u persistenti, f'ċertu numru ta' żoni tat-territorju Taljan, tal-valuri limitu stabbiliti għall-partiċelli PM₁₀ mid-Direttiva "kwalità tal-arja"¹.

Fil-fatt, il-Kummissjoni qieset, min-naħa, li mis-sena 2008, ir-Repubblika Taljana kienet qabżet b'mod sistematiku u persistenti, fiż-żoni kkonċernati, il-valuri limitu ta' kuljum u annwali applikabbli għall-konċentrazzjonijiet ta' partiċelli PM₁₀, skont l-Artikolu 13(1), moqri flimkien mal-Anness XI tad-Direttiva "kwalità tal-arja". Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni lmentat li r-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 23(1), moqri flimkien mal-Anness XV ta' din l-istess direttiva, li tadotta l-miżuri xierqa sabiex tiggarantixxi l-osservanza tal-valuri limitu stabbiliti għall-partiċelli PM₁₀ fiż-żoni kollha kkonċernati.

Billi qieset li l-ispejgazzjonijiet mogħtija dwar dan is-suġġett mir-Repubblika Taljana matul il-proċedura prekontenzjuża kienu insuffiċjenti, il-Kummissjoni, fit-13 ta' Ottubru 2018, ippreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza mogħtija fl-10 ta' Novembru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja, komposta bħala Awla Manja fuq talba tar-Repubblika Taljana, laqgħet dan ir-rikors.

Fl-ewwel lok, għal dak li jikkonċerna l-ilment ibbażat fuq ksur sistematiku u persistenti tad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 13(1) u tal-Anness XI tad-direttiva "kwalità tal-arja", il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-imsemmi lment huwa fondat, fid-dawl tal-provi mressqa mill-Kummissjoni għall-perijodi u ż-żoni li huma s-suġġett tal-proċedura. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, qabel kollox, li l-fatt li jinqabżu l-valuri limitu stabbiliti għall-partiċelli PM₁₀ huwa biżżejjed fih innifsu sabiex ikun jista' jiġi kkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt id-dispożizzjonijiet tad-direttiva "kwalità tal-arja" imsemmija iktar 'il fuq. Issa, fil-każ ineżami, **il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, mis-sena 2008 sas-sena 2017 inklużi, il-valuri limitu ta' kuljum u annwali stabbiliti għall-partiċelli PM₁₀ nqabżu b'mod ferm regolari fiż-żoni kkonċernati.** Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li l-valuri limitu inkwistjoni ma nqabżux matul ċerti snin mill-perijodu meqjus ma jipprekludix il-konstatazzjoni, f'tali sitwazzjoni, ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu sistematiku u persistenti taħt id-dispożizzjonijiet inkwistjoni. Fil-fatt, skont id-definizzjoni stess tal-"valur limitu", li tinsab fil-direttiva "kwalità tal-arja", dan għandu jintlaħaq, sabiex jiġu evitati, prevenuti jew imnaqqsa l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew l-ambjent kollu, f'terminu partikolari u ma għandux jinqabeż ladarba jintlaħaq. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, meta tali konstatazzjoni tkun ġiet stabbilita, bħal fil-każ ineżami, ma tantx ikun rilevanti li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jirriżulta mir-rieda tal-Istat Membru li jkun imputabbli lilu, min-negliġenza tiegħu jew saħansitra minn diffikultajiet tekniċi jew strutturali li dan ikun iffaċċja, ħlief sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li l-konsegwenzi tagħhom ma jkunux setgħu jiġu evitati minkejja d-diliġenza kollha applikata. Fil-każ ineżami, peress li ma rnexxilhiex tipproduċi tali prova, huwa għalxejn li r-Repubblika Taljana bbażat ruħha fuq id-diversità tas-sorsi ta' tniġġis tal-arja

¹ Direttiva 2008/50 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU 2008, L 152, p. 1).

sabiex issostni li wħud minnhom ma jistgħux jiġu attribwiti lilha, bħal pereżempju dawk li huma influwenzati mill-politika Ewropea settorjali, jew fuq il-karatteristiċi topografiċi u klimatiċi ta' ċerti żoni kkonċernati. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħti ebda rilevanza liċ-ċirkustanza, invokata mir-Repubblika Taljana, tal-portata limitata, fir-rigward tat-territorju nazzjonali kollu, taż-żoni li huma s-suġġett tal-ilmenti invokati mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, hija tippreċiża li l-qbiż tal-valuri limitu stabbiliti għall-partiċelli PM₁₀, anki f'żona waħda, huwa biżżejjed fih innifsu sabiex ikun jista' jiġi kkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar' il fuq tad-Direttiva "kwalità tal-arja"

Fit-tieni lok, għal dak li jirrigwarda l-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' adozzjoni ta' miżuri xierqa sabiex tiġi ggarantita l-osservanza tal-valuri limitu stabbiliti għall-partiċelli PM₁₀, konformement mar-rekwiżiti tal-Artikolu 23(1), moqri waħdu u flimkien mat-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva "kwalità tal-arja", il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dan huwa fondat ukoll. F'dan ir-rigward, hija tfakkar li, skont dawn id-dispożizzjonijiet, fil-każ ta' qbiż tal-imsemmija valuri limitu wara t-terminu previst għall-applikazzjoni tagħhom, l-Istat Membru kkonċernat huwa obbligat jistabbilixxi pjan dwar il-kwalità tal-arja li jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-direttiva, b'mod partikolari dak li jipprevedi l-miżuri xierqa sabiex il-perijodu li fih jinqabżu dawn il-valuri limitu jkun l-iqsar possibbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza, f'dan il-kuntest, li għalkemm tali qbiż ma huwiex biżżejjed, waħdu, sabiex jiġi stabbilit in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li għandhom l-Istati Membri taħt l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-Direttiva "kwalità tal-arja" u għalkemm għandhom ċertu marġni ta' manuvra għad-determinazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu adottati, xorta jibqa' l-fatt li dawn il-miżuri għandhom, fi kwalunkwe każ, jippermettu li l-perijodu li fih jinqabżu l-valuri limitu jkun l-iqsar possibbli.

Issa, fil-każ ineżami, **il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li r-Repubblika Taljana manifestament ma adottatx, fi żmien xieraq, il-miżuri hekk meħtieġa.** Insostenn tal-konstatazzjoni tagħha, hija tirreferi għall-provi li jinsabu fil-proċess li minnhom jirriżulta, b'mod partikolari, li l-qbiż tal-valuri limitu ta' kuljum u annwali stabbiliti għall-partiċelli PM₁₀ baqa' sistematiku u persistenti matul tal-inqas tmien snin fiż-żoni kkonċernati, li, minkejja l-proċess intiż sabiex jintlaħqu dawn il-valuri limitu pendent fir-Repubblika Taljana, il-miżuri previsti għall-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari dawk intiżi sabiex iwasslu għal bidliet strutturali speċifikament fir-rigward tal-fatturi prinċipali ta' tniġġis, tħabbiru, għall-parti l-kbira minnhom, biss ferm reċentement u li wħud minn dawn il-pjanijiet iħabbiru perijodi, sabiex l-għanijiet dwar il-kwalità tal-arja jintlaħqu, li jistgħu jestendu għal diversi snin, saħansitra anki fuq għoxrin sena, wara d-dħul fis-seħħ tal-imsemmija valuri limitu. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali sitwazzjoni turi, fiha nnifisha, li r-Repubblika Taljana ma implimentatx miżuri xierqa u effikaċi sabiex il-perijodu li fih jinqabżu l-valuri limitu stabbiliti għall-partiċelli PM₁₀ jkun l-iqsar possibbli. Barra minn hekk, filwaqt li r-Repubblika Taljana qieset indispensabbli, b'mod partikolari fid-dawl tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' sussidjarjetà u ta' ekwilibriju bejn l-interessi pubbliċi u l-interessi privati, li jkun hemm termini twal sabiex il-miżuri previsti fid-diversi pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jkun jistgħu jipproduċu l-effetti tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva, bil-kontra, li tali approċċ imur kontra kemm ir-riferimenti *ratione temporis* previsti mid-Direttiva "kwalità tal-arja" sabiex jiġu ssodisfatti l-obbligi stabbiliti minnha, kif ukoll l-importanza tal-għanijiet ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, imfittxija minn din id-direttiva. Fil-fatt, filwaqt li tirrikonoxxi li l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva "kwalità tal-arja" ma jistax jeżiġi li l-miżuri adottati minn Stat Membru jggarantixxu l-osservanza immedjata ta' dawn il-valuri limitu sabiex dawn ikunu jistgħu jitqiesu li huma xierqa, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-approċċ tar-Repubblika Taljana jwassal sabiex tiġi aċċettata estensjoni ġenerali, jekk ikun il-każ, *sine die*, tat-terminu għall-osservanza ta' dawn il-valuri, filwaqt li dawn ġew stabbiliti preċiżament sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

TFAKKIRA: Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, ippreżentat kontra Stat Membru li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni, jista' jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru ieħor. Jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli.

Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid fejn titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ ta' nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta'

traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta tagħha, sanzjonijiet jistgħu jiġu imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tas-sentenza inizjali.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq [“Europe by Satellite”](#) ☎ (+32) 2 2964106